TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 246/13/F

**Sarah Zammit**

**vs**

**Matthew Caruana eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Iklin Computer Centre**

Illum 18 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mija, u ħamsin ewro (€450), rappreżentanti prezz ta' *tablet* li kellu ċ-*charger* difettuż.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *tablet* għall-prezz ta' erba' mitt ewro (€400) u wara xi żmien iċ-*charger* ma baqax jiffunzjona u minkejja li l-intimat kien bidilulha ma dak tiegħu personali, dan xorta ma ħadimx. L-intimat reġa' bidilulha imma xorta baqgħet bl-istess problema u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimat issottometta illi l-ħsara qed issir mill-istess rikorrenti fejn jidher li l-*port* huwa mċaqlaq u li kellu diversi ħsarat.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal, ukoll spezzjona t-*tablet*, fejn jinnota illi mhuwiex it-tort tar-rikorrenti dak li qed jiġri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan li t-*tablet* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**